# SAN GIRGOR IL-KBIR U R-RAĦAL TAGĦNA

**minn Julian Bezzina**

Elf u erba' mitt sena ilu, sewwa sew fit-12 ta' Marzu tas-sena 604, miet f'Ruma wieħed mill-akbar Papiet li kellha l-Knisja u li baqa' jissemma bħala Gregorio Magno, San Girgor il-Kbir. Dan il-qaddis għandu rabta qadima mar-raħal tagħna għax fl-imgħoddi kien hawn fir-raħal tagħna kappella żgħira ddedikata lilu. Din tissemma' fl-atti tan-Nutar J. Sabbara ta' 2 t'Ottubru 1500: *De Sanctu Gregori, galca in Casali Gregori intus quam est fundata ecclesia santi Gregori* (l-għalqa ta' San Girgor f'Casal Gregori li fiha hemm mibnija l-Kappella ta' San Girgor). Din tissemma' wkoll fir-rapport tal-Visita Appostolika ta' Mons. P. Dusina ta' l-1575. Dak iż-żmien kienet tieħu ħsiebha l-armla ta' Stefano Bezzina għaliex din il-Kappella kienet fl-għalqa tagħha fil-ferħa. Fis-sena 1687 kien żar din il-Kappella l-Isqof Mons. Giacomo Molina. Iżda dan sabha diġa' pprofanata u l-obbligi tagħha ġew trasferiti għall-artal ta' Sant' Indrija u San Girgor fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Dak iż-żmien l-għalqa kienet f'idejn Luqa Bezzina minn Birkirkara. Dan kien obbligat iħallas sitt tari għaż-żejt tal-lampier tas-Sagrament. Din il-Kappella setgħet kienet hi li tat l-isem tar-raħal tagħna.

L-eqdem isem li kien magħruf bih ir-raħal tagħna kien Casal Gregori. Hekk insibuh miktub fl-eqdem tlett dokumenti uffiċċjali: (1) Il-lista tan-nies tad-Dejma 1419-1420, (2) L-Ewwel ktieb tal-magħmudijiet tal-Parroċċa tagħna (1598) mibdi minn Dun Mattew Scriha u (3) fid-Dokument tal-firda tal-Parroċċa tagħna minn dik tan-Naxxar (1610). Imbagħad fl-atti tan-nutara, fil-mapep ta' Malta u f'dokumenti oħra nsibu l-istess isem 'Gregori' miktub xi ftit differenti. Saħansitra nsibu wkoll fuq mapep ta' Malta antiki l-isem tar-raħal miktub 'San Gregorio'.

Maż-żmien ir-raħal beda jsir magħruf bħala Gargur jew Casal Gargur fid-dokumenti uffiċċjali, d-dokumenti tal-Knisja u fl-atti tan-nutara. Din żgur hija korruzzjoni ta' l-isem 'Gregorio'. L-isem l-ieħor Ħal Għargħur qatt ma nsibuh miktub f'xi dokumenti antiki jew mapep ta' Malta. Nifhmu li dan hu korruzzjoni ta' l-isem Raħal Gregori, li wara sar 'Gargur' u mbagħad Ħal Għargħur. Għandna ħafna eżempji fejn ġara l-istess ħaġa. 'Garb' l-isem ta' raħal f'Għawdex illum jissejjaħ 'Għarb'. Gallis fil-lokalità tan-Naxxar illum jissejjaħ 'Għallis'. Flok 'galca' bħalma diġa' rajna llum ngħidu 'għalqa'. Iżda l-aktar eżempju ċar hu 'Għawdex'. Fost il-ħafna ismijiet li kellu, Gwl, Gaudisum, Gaulos, Gozzo, Gozo u oħrajn illum aħna nsejħulu 'Għawdex'.



**Il-kwadru taċ-Ċintura fil-Knisja Parrokkjali**

**MIN KIEN SAN GIRGOR?**

San Girgor twieled fis-sena 540. L-isem Gregorio hu Grieg u jfisser għassies tal-merħliet (Greges). Missieru Gordianus kien sinjur ħafna għax kellu artijiet fi Sqallija. Kien ukoll senatur Ruman. Ommu kienet mara qaddisa Santa Sylvia. Tawh l-aqwa edukazzjoni ta' dak iż-żmien. Studja l-liġi u ta' 34 sena l-Imperatur Justin iż-żgħir laħqu l-Gvernatur u l-imħallef ewlieni ta' Ruma fis-sena 574. Kien bniedem umli u għalhekk sena wara ħalla kollox u daħal patri Benedittin. Wara l-mewt ta' missieru bena sitt monasteri fuq l-art li wiret fi Sqallija u ieħor fid-dar ta' missieru fuq l-għolja Scaurus

f'Ruma. Dan semmieh għal Sant Andrija u hekk għadu sa llum. Meta ra xi tfal Ingliżi lsiera fis-suq ta' Ruma, hu daħħal f'rasu li jmur jikkonverti l-Ingilterra, iżda għalkemm hu ma tħalliex imur, talab lil Papa Benedittu I biex jibgħat xi patrijiet hemmhekk. Il-Papa Peleġju li għamlu Djaknu ta' Ruma u wara bagħtu bħala Nunzju f'Kostantinopli fi żmien l-Imperatur Tiberius. Ftit tas-snin wara fis-sena 584 reġa ssejjaħ Ruma mill-Papa Pelaġju II u wara l-mewt tiegħu fis-sena 590, għażluh bħala Papa. Għalkemm hu ma riedx li jsir Papa, wara kellu jaċċetta.



**Il-kwadru l-antik ta' San Girgor u Sant Andrija madwar il-Madonna tal-Providenza**

Huwa mexxa l-Knisja bil-għaqal kbir, bl-umiltà u bid-dixxiplina f'waqtha. Iġġieled kontra l-eretiċi ta' żmienu bl-akbar umiltà u rebaħ ħafna minnhom. Fi żmienu kien hemm il-pesta u l-faqar u hu ipprovda l-ikel lil min kien batut u fqir. Kien tassew jixraqlu ta' 'Gregorio Magnu' għax mexxa l-Knisja bil-għaqal fi żminijiet diffiċli u rebaħ ħafna diffikultajiet li ltaqa' magħhom bl-umiltà kbira tiegħu. Tant kien umli li beda jikteb wara ismu l-kliem 'Servus servorum Dei', 'il-qaddej tal-qaddejja t'Alla'. Hu mexxa l-Knisja għal tlettax-il sena, iżda tnejn minnhom għamilhom fis-sodda.

Fost il-kitba tiegħu jissemmew it-tnejn u għoxrin priedka ta' Eżekjel u fost dawn jingħad li d-dsatax-il waħda kitibha għalih innifsu. Fil-pittura ta' San Girgor insibuh impenġi bil-ħamiema bajda, b'munqarha ma' widnejh, qisha biex tkellmu. Hekk narawh fil-Kwadru taċ-Ċintura tal-Parroċċa tagħna. Dan għaliex meta miet, wieħed mid-djakni Pawlu irrakkonta li djaknu ieħor bl-isem ta' Pietru ta' xhieda li kien ra ħamiema bajda b'munqarha ma' widintu waqt li hu kien qed jikteb id-dsatax-il priedka ta' Eżekjel.

Ħaġa oħra ta' min isemmiha hi kif bdiet l-użanza tax-xahar quddies Gregorjan li aħna nagħmlu għall-għeżież tagħna wara mewthom. Wieħed patri bl-isem ta' Justus meta kien qed imut talab maħfra għax kien żamm għalih tlett biċċiet flus tad-deheb li hu kien qala'. San Girgor tant kien irrabja li ma riedx li l-patrijiet joqogħdu madwaru jitolbu waqt li kien qed imut iżda ħalla patri wieħed fejn is-sodda tiegħu u meta miet hu ordna li jindifen taħt miżbla u miegħu jindifnu wkoll il-biċċiet tad-deheb. Iżda mill-banda l-oħra hu għamillu xahar quddies. Meta spiċċat l-aħħar waħda, Justus deher lil ħuh Copiosus fejn qallu li kien bata ħafna iżda issa kien ser imur il-ġenna. B'hekk baqgħet din l-użanza sal-lum.

Il-kwadru taċ-Ċintura fil-Parroċċa tagħna hu xhieda tar-rabta li dan il-qaddis għandu mar-raħal tagħna. Fih naraw lil San Girgor liebes ta' Papa u l-ħamiema b'munqarha qrib widintu. Dan il-kwadru sar madwar is-sena 1743 meta twaqqfet il-fratellanza taċ-Ċintura. Qabel dan il-kwadru kien hemm kwadru ieħor li llum nistgħu narawh fil-Kappella ta' San Ġwann taċ-Ċimiterju. Dan il-kwadru juri lil San Girgor u Sant' Andrija madwar il-Madonna tal-Providenza li flimkien mal-Bambin Ġesù qed ibierku l-ħobż li qed f'idejn l-anġli.